u waqgħet il-baħar fejn għabet taħt il-mewġiet sewdiena ta' l-ilmijiet......

Għalhekk ma kienx infetaħ bħas-soltu l-bieb tal-ħanut tagħha f'dik il-għodwa. Għalhekk ukoll instemgħu l-faħħama u l-bark-lori jgħidulha "miskina". Għax tassew miskina kienet il-Lixandrina.

---

## GĦAJNEJN

*Ta'* ĠORĠ CHETCUTI

Għajnejn sbieħ ta' ibni ċkejken,
Lewn is-safa tas-smewwiet,
Għax inħbejtu daqstant bikri
Ġewwa l-kefen ta' l-imwiet?
Intom kontu s-sliem u d-dija
Ta' dil-qalb bid-dmugħ mimlija,
Ta' dil-qalb li nħoss ġo fija
Tingħi dejjem, lejl u nhar.

Fl-għoli sfiq tas-sema mdallam
Kull fl-għaxija nitfa' għajnejja,
Għax fost dawk il-kwiekeb żoroq
Nistħajjilkom tħarsu lejja,
Intom kontu l-ħajr u d-dija
Ta' dil-qalb bl-uġigħ mifnija,
Ta' dil-qalb li fiż-żgħużija
Kellha ġġarrab bosta mrar.

Kif inħosskom saħħartuni,
Ma nistax, għajnejn, ninsiekom,
Għalxejn igħaddu l-jiem u l-ġmiegħi
Moħħi dejjem ihewden fikom,
Intom kontu l-ferħ u d-dija
Ta' dil-qalb bl-inkwiet mherrija,
Ta' dil-qalb li sfat mifnija
Bit-tingiż ta' dwejjaq kbar.



# Il-Kelma Malta fid-"Divina Commedia"

*Ta'* JOS. GALEA

FID-*DIVINA COMMEDIA* ta' Dante Alighieri, l-aqwa ktieb tal-letteratura Taljana f'kull żmien, hemm terzina fil-kant tal-*Paradiso*, fejn tissemma l-kelma Malta.

Piangerà Feltro ancora la diffalta
Dell'empio suo pastor, che sarà sconcia
Sì, che per simil non s'entrò in Malta.

Jekk Malta hix il-gżira tagħna jew x'imkien ieħor kienet suġġett ta' studju fost l-aħjar kittieba.

Ħadd mill-kittieba Maltin għad qatt ma tħajjar jistudja ftit dwar dak l-isem, fil-waqt li bosta u bosta kienu l-kittieba Taljani li ftaqdu u qallbu kull ma setgħu jsibu biex bħalkieku jaraw jekk dik Malta kenitx jew le din il-gżira, fl-aħħar tarf ta' l-Italja.

Kien hemm żmien meta dik il-kelma Malta kienet qanqlet polemika kbira bejn l-aqwa studjużi dantisti.

Għall-ġieħ ta' l-istudju ta' l-istorja ta' Malta, u biex ngħinu l-Bibljografija tagħna, hawn ser insemmu l-aqwa fost dawk il-kittieba u x-xogħlijiet tagħhom:—

Cristofori — Della prigione della Malta ricordata da Dante. Viterbo—Siena, 1891.

Cian — La Malta Dantesca, fl-"Atti" ta' l-"Accademia di Scienza e Lettere di Torino", Vol. XXIX, p. 497.

Zanon — La Malta dantesca e la Malta cittadellese, Casteggio, Cerri, 1904.

Flamini — Appunti d'esegesi dantesca, meħud u miġbur minn "Miscellanea Graf", Bergamo, 1903.

Caetani — La Malta, fi "Spighe e Paglie", Corfu, 1844-45, Vol. 1, p. 31.

Biscottini — Il-"volgare" a Malta ed una questione dantesca, studju li deher fil-"Malta", 25, 26 ta' April 1935, numri 144,446/7.

Ftit snin ilu wieħed kittieb Taljan, Umberto Biscottini, deherlu li kien ħall l-għoqda, u sab li dik Malta msemmija minn